**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 269**

It-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## PREŻENTI

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Bernice Bonello kienet imsiefra fuq xogħol tal-Parlament.

L-Onor. Alex Borg, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Joe Giglio kienu skużati.

L-Onor. Chris Said u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 268 li saret fit-28 ta' Ottubru 2024 kienu kkonfermati.

## RULING TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling *ex officio* dwar inċidenti li nqalgħu waqt is-Seduta Nru 268 tat-Tnejn, 28 ta' Ottubru 2024 meta persuni fil-gallarija tal-pubbliku ma obdewx ir-regolamenti u struzzjonijiet mogħtija mis-Sedja, u rrefera l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Fl-istess ruling is-Sedja tat direzzjonijiet dwar proċeduri ta' sigurtà ġodda għad-dħul tal-pubbliku fil-gallarija tal-pubbliku.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar u l-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, esprimew solidarjetà mal-uffiċjali tal-Parlament li kienu qed jaqdu dmirhom waqt l-istess inċident.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4374 Rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Onor. Chris Said f'missjoni internazzjonali tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) maħtura biex tosserva l-elezzjonijiet presidenzjali u referendum kostituzzjonali fir-Repubblika tal-Moldova, fl-20 ta' Ottubru 2024;

P.L. 4375 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Reverendu Fr Carmel Busuttil vs l-Awtorità tad-Djar et (Rikors Numru 830/2021/LM), deċiża fl-1 ta' Frar 2023 u dik tal-Appell datata 7 ta' Ottubru 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 4376 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Josephine sive Joyce Darmanin et vs l-Avukat tal-Istat (Rikors Numru 83/2023/LM), deċiża fis-6 ta' Diċembru 2023 u dik tal-Appell datata 7 ta' Ottubru 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 4377 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Dr Aldo Fiorini et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 356/2022/TA), deċiża fil-15 ta' Ġunju 2023 u dik tal-Appell datata 7 ta' Ottubru 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20306, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4378 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-television mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali bejn Marzu u Ġunju.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 20306 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4379 Tabella li turi n-numru ta' impjegati li jaħdmu part-time fl-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20969;

P.L. 4380 Tagħrif dwar studenti li użaw is-servizz ta' counselling fl-iskejjel pubbliċi fis-sena skolastika 2023-2024 maqsuma skont l-età, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21071;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4381 Tabella li turi n-numru ta' impjegati li jaħdmu part-time fl-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20964;

P.L. 4382 Siteplans u pjanti approvati għall-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal imwejjed u siġġijiet fi Triq is-Salini, Triq ix-Xatt u l-Bajja ta' San Tumas f'Wied il-Għajn, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22238;

P.L. 4383 Lista ta' permessi ġodda maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal imwejjed u siġġijiet maqsuma xahar b'xahar fil-perjodu bejn Jannar 2023 u Settembru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22243;

P.L. 4384 Tagħrif dwar partial review tal-pjanijiet lokali fil-lokalità tal-Qala għas-sena 2024 b'żieda mat-tagħrif mogħti fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14227 mogħtija fis-Seduta Nru 190 tat-18 ta' Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22381;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4385 Tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq stazzjonijiet tat-television mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika bejn Jannar u Settembru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20330;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4386 Avviż Legali Nru 282 tal-2024 − Regolamenti tal-2024 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku;

P.L. 4387 Avviż Legali Nru 283 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4388 Tagħrif dwar l-ammonti ta' multi amministrattivi imposti daparti tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) u jekk ġietx appellata d-deċiżjoni fil-perjodu bejn l-2022 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 22131; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4389 Screenshot tal-web page tas-CPSU li turi informazzjoni dwar liema mediċini kienu out of stock fit-28 ta' Ottubru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21915.

**MOZZJONIJIET**

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL MARSAXLOKK FOOTBALL CLUB - MOZZJONI 308**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti żewg proprjetajiet lil Marsaxlokk Football Club b'titolu ta' enfitewsi temporanju, liema proprjetajiet huma deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim hawn annessi ma' din il-Mozzjoni;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b' dan riżolut illi l-proprjetajiet fuq imsemmija f'Marsaxlokk, kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim annessi bħala DOK AB u DOK CD rispettivament, jiġu mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lil Marsaxlokk Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL IMSIDA ST JOSEPH FOOTBALL CLUB - MOZZJONI 309**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lil Imsida St Joseph Football Club b'titolu ta' enfitewsi temporanju, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim hawn anness ma' din il-Mozzjoni;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetà fuq imsemmija fl-Imsida, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim anness bħala DOK A, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lill-Imsida St Joseph Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LILL-MALTA RUGBY FOOTBALL UNION - MOZZJONI 310**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lill-Malta Rugby Football Union b'titolu ta' enfitewsi temporanju, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim hawn anness ma' din il-Mozzjoni;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetà fuq imsemmija fil-Marsa, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim anness bħala DOK A, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lill-Malta Rugby Football Union għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL QALA SAINTS FOOTNALL CLUB - MOZZJONI 311**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lill-Qala Saints Football Club b'titolu ta' enfitewsi temporanju, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim hawn anness ma' din il-Mozzjoni;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetà fuq imsemmija fil-Qala, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim anness bħala DOK A, tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lill-Qala Saints Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

L-Onor. Alex Muscat issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL MARSA FOOTBALL CLUB – MOZZJONI 312**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

B'żieda mal-Mozzjoni Parlamentari rigward trasferiment ta' art lil Marsa Football Club, b'titolu ta' enfitewsi temporanju, illi kienet ġiet diskussa u approvata fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika nhar il-11 ta' Ġunju 2024, u li sussegwentement ġiet ukoll approvata fil-Plenarja fis-Seduta 248 tat-18 ta' Ġunju 2024, qed issir tali Mozzjoni sabiex il-Kamra tad-Deputati tkun infurmata li l-Awtorità tal-Artijiet mhux ser tkun waħda mill-firmatarji fuq il-kuntratt bejn SportMalta u Marsa Football Club.

Għaldaqstant u għal fini ta' korrettezza, qiegħed jiġi mehmuż bħala DOK A l-abbozz tal-ftehim dwar il-proprjetà fil-Marsa sabiex tali proprjetà tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanju lill-Marsa Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**MOZZJONI SABIEX JIĠU APPROVATI L-ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA GĦAS-SENA 2025 - MOZZJONI 313**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2025;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Charles Deguara, personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fit-18 ta' Ottubru 2024;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrikkmanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI U T-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI – ABBOZZ NRU 116**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar is-Servizzi Veterinarji u t-Trattament Xieraq tal-Annimali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Alicia Bugeja Said u l-Onor. Toni Bezzina.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar is-servizzi veterinarji u t-trattament xieraq tal-annimali" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika, l-Onor. Glenn Bedingfield, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

2. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI RELATATI MAD-DROGA – ABBOZZ NRU 115**

Il-Kamra rriżumiet mit-22 ta' Ottubru 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kap. 537 u liġijiet varji relatati mad-droga".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Claudette Buttigieg.

Fis-6.55 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar is-Swieq fil-Kriptoassi | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji relatati mad-Droga | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u r-Riabilitazzjoni ta' Persuni fis-Soċjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Postali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |

------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar is-Servizzi Veterinarji u t-Trattament Xieraq tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Michael Falzon.

Fis-7.20 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. kif ikkomunikat mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**